MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Numru. 795/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Francis Farrugia**

Kumpilazzjoni Numru 795/2007

**Illum 25 ta’ Jannar 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Francis Farrugia ta’ 46 sena, iben il-mejjet Edward Scicluna u Theresa nee` Farrugia, imwieled Hamrun fit-3 ta’ Lulju, 1961 u residenti 80, Flat 13, Triq Villambrosa, Hamrun, Detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 429061M.

Akkuzat talli fl-24 ta' Settembru, 2007 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zmienijiet different, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

a. ircieva minghand xi haddiehor jew kiseb minghand xi haddiehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, mghaxxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi; dan bi ksur ta' l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil haddiehor jibza` li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; dan bi ksur ta' l-artikoli 18, 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U b' hekk l-imputat Francis Farrugia sar ricediv a termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperit jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 251B u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz kien l-parte civile Glenn Debattista; fir-realta xehed ukoll missier Debattista imma d-depozizzjoni tieghu ftit li xejn titfa dawl fuq l-imputazzjonijiet. Glenn Debattista xehed tlett darbiet. Dak li jispikka f'dawn id-depozizzjonijiet huwa l-inezattezzi u l-kontradizzjonijiet. Minn ezami ta' dawn id-depozizzjonijiet ma jirrizultax x'kien l-ammont misluf minn Farrugia lil Debattista, lanqas jirrizulta x'kien l-iskop tas-self, b'liema rata ta' imghaxx jew x'kellu jkun il-korispettiv ghal dan is-self. Lanqas m'hu car f'dak li qal dwar xi komportament ta'l-imputat li jista' b'xi mod jigi definit abbuziv.

Illi l-imputat xehed; hu jammetti li ta xi ammonti ta' flus lil Debattista pero jghid li dan ghamlu in konnessjoni man-negozju; jghid ukoll li fil-fatt Debattista ghad ghandu id-dejn mieghu u kien ghalhekk, u cioe biex jissalda dan id-dejn, li huwa kien qed jikkuntatjah.

Illi huwa principju baziku f' proceduri kriminali li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova fatti li jikkostitwixxu r-reati migjuba kontra imputat, u li dan trid taghmlu 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi sfortunatament f'dan il-kaz ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni mhux talli ma provdiex bizzejjed informazzjoni biex ikunu jistghu jigi pruvati b'certezza l-elementi tar-reati in kwistjoni imma wera lilu nnifsu bhala xhud mhux kredibbli. F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li l-imputazzjonijiet gew pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------